MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 642/2008

**John Tammy Bonnici**

**vs**

**Carmela sive Karmena Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta illi:

1. Ir-rikorrenti huwa l-proprjetarju tal-appartament/flat internament markat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk bla numru u bl-isem ‘Il-Ballottra’, fi Triq Gammari Dalli, Hal Ghaxaq inkluz sehem indiviz mill-bejt u l-arja sovrastanti u *washroom*, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kif deskritti fil-kuntratt t`akkwist fl-atti tan-Nutar Dottor Bartholomeo Micallef datat 6 ta` Mejju, 2004 (Dok. A);

2. Prezentement fil-fond fuq indikat hemm residenti l-intimata Carmela sive Karmena Azzopardi u dan b`mera tolleranza tar-rikorrenti u konsegwentement minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Ir-rikorrenti jixtieq jerga` jirriprendi lura l-pussess tal-proprjeta` tieghu fuq imsemmija u konsegwentement permezz ta` diversi ittri legali u kif ukoll ittra ufficcjali ir-rikorrenti interpella lill-intimata sabiex tivvaka mill-proprjeta` fuq indikata.

4. L-intimata nonostante debitament interpellata kemm permezz ta` ittri legali (Dok. B – Dok. D) u kif ukoll ittra ufficcjali datata hamsa (5) ta` Frar, 2008 (Dok. E) baqghet inadempjenti.

5. Ir-rikorrenti/attur jaf b`dawn il-fatti personalment;

6. Safejn jaf ir-rikorrenti, l-intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti kontra t-talbiet ta` l-istess rikorrenti;

7. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab lil konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata qed tirrisjedi fil-proprjeta` tar-rikorrenti fuq indikata b`mera tolleranza tar-rikorrenti u konsegwentement m`ghandha ebda titolu validu fil-ligi sabiex tirrisjedi fl-istess proprjeta`.

2. Tordna u tikkundanna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, tizgombra mill-appartament/flat internament markat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk bla numru u bl-isem ‘Il-Ballottra’, fi Triq Gammari Dalli, Hal Ghaxaq.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficcjali datata hamsa (5) ta` Frar, 2008 u b`riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti fosthom dik ghall-kumpens ghall-okkupazzjoni tal-intimata.

Rat l-affidavit ta` l-attur u d-dokumenti l-ohra.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa` l-ewwel talba.

Tordna lill-intimata sabiex fi zmien tlett xhur mill-lum tizgombra mill-appartament 3 fil-blokk “Il-Ballottra”, Triq Gammari Dalli, Hal Ghaxaq.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------